21.6.2011 A7-0179/3

**Emenda 3**
**Udo Bullmann, Edward Scicluna**
f'isem il-Grupp S&D

**Rapport** **A7-0179/2011**
**Diogo Feio**
L-implimentazzjoni tal-proċedura ta' deficit eċċessiv
COM(2010)0522 – 2010/0276(CNS)

**Proposta għal regolament – att li jemenda**
**Artikolu 1 – punt 2**
Regolament (KE) Nru 1467/97
Artikolu 2 – paragrafu 1 a

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1a. Meta jaqbeż il-valur ta’ referenza, il-proporzjon tad-dejn tal-gvern mal-Prodott Domestiku Gross (PDG) għandu jitqies bħala li qiegħed jonqos biżżejjed u javviċina l-valur ta’ referenza b’pass sodisfaċenti skont l-Artikolu 126(2)(b) tat-Trattat jekk id-differenza fir-rigward tar-referenza tkun naqset matul it-tliet snin preċedenti b’rata fl-ordni ta’ wieħed minn kull għoxrin kull sena.’ ***Għal perjodu ta' 3 snin mid-[data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament – għandha tiddaħħal] għandha tkun ikkunsidrata n-natura retrospettiva ta' dan l-indikatur fl-applikazzjoni tiegħu.*** | 1a. Meta jaqbeż il-valur ta’ referenza, il-proporzjon tad-dejn tal-gvern mal-Prodott Domestiku Gross (PDG) għandu jitqies bħala li qiegħed jonqos biżżejjed u javviċina l-valur ta’ referenza b’pass sodisfaċenti skont l-Artikolu 126(2)(b) tat-Trattat jekk id-differenza fir-rigward tar-referenza tkun naqset matul it-tliet snin preċedenti b’rata ***medja*** fl-ordni ta’ wieħed minn kull għoxrin kull sena***, bħala benchmark, wara li ssir valutazzjoni tul perjodu ta’ tliet snin***. |
| | ***Jekk il-benchmark ma tintlaħaqx, it-tnaqqis tad-differenzjal fir-rigward tal-valur ta’ referenza fl-ordni ta’ wieħed minn kull għoxrin madankollu jitqies bħala suffiċjenti jekk id-devjazzjoni mill-investimenti tal-Istat Membru jinkludu għalkollox il-mezzi meħtieġa għall-ilħiq tal-objettivi tal-istrateġija tal-UE għat-tkabbir u l-impjiegi.*** |
| | ***Sabiex iċ-ċiklu ekonomiku jiġi kkunsidrat kif xieraq, fil-każ ta’ rata tat-tkabbir tal-volum tal-PGD annwali inqas minn 1%, il-Kummissjoni se tiddefinixxi punt ta’ referenza proporzjonat taħt wieħed minn*** |

***kull għoxrin biex tiġi stabbilita r-rata medja tat-tnaqqis imsemmija hawn fuq.***

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Għall-koerenza komprensiva tal-pakkett rigward il-ħtieġa ta' investiment fil-ġejjieni, jeħtieġ li jkun hemm spazju ta' manuvra għall-investimenti, biex ma jitħalliex li l-konsolidament fiż-żmien qasir itellef it-tkabbir fit-tul. Barra minn hekk, l-aħħar parti tal-emenda tiżgura li r-regola tal-konsolidament tad-dejn ma ssirx proċiklika.*

**Emenda 4**
**Udo Bullmann, Edward Scicluna**
f'isem il-Grupp S&D
**Philippe Lamberts**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Rapport** **A7-0179/2011**
**Diogo Feio**
L-implimentazzjoni tal-proċedura ta' deficit eċċessiv
COM(2010)0522 – 2010/0276(CNS)

**Proposta għal regolament – att li jemenda**
**Artikolu 1 – punt 12**
Regolament (KE) Nru 1467/97
Artikolu 12 – paragrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-ammont tal-multa għandu jinkludi komponent fiss ugwali għal ***0,2 %*** tal-PDG, ***u komponent li jvarja. Il-komponent varjabbli għandu jammonta għal wieħed minn għaxra tad-differenza bejn id-defiċit bħala perċentwal tal-PDG fis-sena preċedenti u, jew il-valur ta' referenza għad-defiċit tal-gvern, jew, jekk in-nuqqas ta' konformità mad-dixxiplina baġitarja tinkludi l-kriterju tad-dejn, il-bilanċ ġenerali tal-amministrazzjoni pubblika bħala perċentwal tal-PDG li kellu jinkiseb fl-istess sena skont l-avviż maħruġ skont l-Artikolu 126(9)*** tat-Trattat. | 1. L-ammont tal-multa għandu jinkludi komponent fiss ugwali għal ***0.1 %*** tal-PDG, ***b'dan tal-aħħar ikun ibbażat fuq valutazzjoni mill-Kunsill dwar jekk l-Istat Membru parteċipanti jkunx ħa azzjoni effettiva f'konformità mal-Artikolu 126(9)*** tat-Trattat |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Fil-qies tad-diffikultajiet ġenerali kurrenti li magħhom qed iħabbtu wiċċhom l-Istati Membri biex jikkonsolidaw il-finanzi pubbliċi, u b'mod ġenerali l-problemi tas-soltu li jiffaċċja pajjiż li jkun imdaħħal fi stadju daqshekk tard tal-PDE rigward il-finanzi pubbliċi tiegħu, nemmnu li multa ta' 0.1% tal-PDG mingħajr komponent varjabbli għandu jkun deterrent biżżejjed, bla ma jkun punittiv, biex ikun kredibbli u infurzabbli fir-realtà.*

21.6.2011 A7-0179/5

**Emenda 5**
**Udo Bullmann, Edward Scicluna**
f'isem il-Grupp S&D
**Philippe Lamberts**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Rapport** **A7-0179/2011**
**Diogo Feio**
L-implimentazzjoni tal-proċedura ta' defiċit eċċessiv
COM(2010)0522 – 2010/0276(CNS)

**Proposta għal regolament – att li jemenda**
**Artikolu 1 – punt 12**
Regolament (KE) Nru 1467/97
Artikolu 12 – paragrafu 3

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| 3. ***Kwalunkwe multa waħdanija msemmija fil-paragrafi 1 u 2 ma għandhiex taqbeż il-limitu massimu ta' 0,5 %*** tal-PDG. | 3. ***L-ammont annwali totali ta' multi imposti fuq Stat Membru fil-kuntest ta' Proċedura tad-Defiċit Eċċessiv miżjud ma' dak dovut fil-kuntest tal-Proċedura ta' Żbilanċ Eċċessiv m'għandux jaqbeż 0.3%*** tal-PGD ***ta' dak l-Istat Membru ħlief f'każijiet ta' multi imposti għal raġunijiet imsemmija fil-paragrafu 4a tar-Regolament (UE) Nru […/…]***. |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Għal raġunijiet ta' kredibbiltà (multi ogħla ma jkunux realment infurzabbli, kif kien il-każ sal-lum). Il-multi jeħtiġilhom ikunu deterrenti u mhux punittivi, u jekk ikun meħtieġa, għandhom ikunu fattibbli bla ma jagħmlu ħsara lill-kapaċità tal-Istat Membru li jerġa' jaqbad triq tajba.*


*Magħquda fid-diversità*

21.6.2011 A7-0179/6

**Emenda 6**
**Philippe Lamberts**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Rapport** **A7-0179/2011**
**Diogo Feio**
L-implimentazzjoni tal-proċedura ta' defiċit eċċessiv
COM(2010)0522 – 2010/0276(CNS)

**Proposta għal regolament – att li jemenda**
**Artikolu 1 – punt 2**
Regolament (KE) Nru 1467/97
Artikolu 2 – paragrafu 1 a

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1a. Meta jaqbeż il-valur ta’ referenza, il-proporzjon tad-dejn tal-gvern mal-Prodott Domestiku Gross (PDG) għandu jitqies bħala li qiegħed jonqos biżżejjed u javviċina l-valur ta’ referenza b’pass sodisfaċenti skont l-Artikolu 126(2)(b) tat-Trattat jekk id-differenza fir-rigward tar-referenza tkun naqset matul it-tliet snin preċedenti b’rata fl-ordni ta’ wieħed minn kull għoxrin kull sena.’ ***Għal perjodu ta' 3 snin mid-[data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament – għandha tiddaħħal] għandha tkun ikkunsidrata n-natura retrospettiva ta' dan l-indikatur fl-applikazzjoni tiegħu.*** | 1a. Meta jaqbeż il-valur ta’ referenza, il-proporzjon tad-dejn tal-gvern mal-Prodott Domestiku Gross (PDG) għandu jitqies bħala li qiegħed jonqos biżżejjed u javviċina l-valur ta’ referenza b’pass sodisfaċenti skont l-Artikolu 126(2)(b) tat-Trattat jekk id-differenza fir-rigward tar-referenza tkun naqset matul it-tliet snin preċedenti b’rata fl-ordni ta’ wieħed minn kull għoxrin kull sena ***bil-kundizzjoni li l-prodott domestiku gross (PDG) kien qiegħed jikber bir-rata potenzjali tiegħu matul is-sentejn qabel is-sena ta’ referenza. Fl-assenza ta’ din il-kundizzjoni l-proporzjon tad-dejn fir-rigward tal-PDG għandu jkun ikkunsidrat bħala sitwazzjoni ta’ eċċess temporanju għall-perkors ta’ tnaqqis suffiċjenti bil-kundizzjoni li l-Istat Membru jikkonforma mar-regola tat-tfassil ta’ politika fiskali sostenibbli kif definita fir-Regolament (KE) Nru 1466/97. Jekk l-Istat Membru jitqies li jkun f’sitwazzjoni ta’ eċċess temporanju għall-perkors ta’ tnaqqis suffiċjenti, il-proċedura ta’ defiċit eċċessiv m’għandhiex tiġi attivata abbażi tal-kriterju tad-dejn.***<br><br>***Ir-rekwiżit skont il-kriterju tad-dejn għandu jiġu kkunsidrat ukoll bħala*** |

***sodisfatt jekk il-previżjonijiet tal-baġit kif ipprovduti mill-Kummissjoni jindikaw li t-tnaqqis meħtieġ fid-differenzjal se jseħħ fil-perjodu ta' tliet snin li jinkludi s-sentejn wara l-aħħar sena li għaliha d-dejta hija disponibbli. Għal Stat Membru li huwa soġġett għal proċedura ta' defiċit eċċessiv fi [id-data tal-adozzjoni ta' dan ir-Regolament – għandu jiddaħħal] u għal perijodu ta' tliet snin mill-korrezzjoni tad-defiċit eċċessiv, ir-rekwiżit skont il-kriterju tad-dejn għandu jitqies sodisfatt jekk l-Istat Membru kkonċernat jagħmel progress suffiċjenti lejn il-konformità kif ivvalutata fl-Opinjoni adottata mill-Kunsill dwar il-Programm ta' Stabbiltà u Konverġenza tiegħu.***

***Għall-finjiet ta' dan ir-Regolament, ir-responsabilitajiet finanzjarji netti tal-gvern kif definiti mill-OECD għandhom jitqiesu b'mod espliċitu fil-valutazzjoni ġenerali tal-fatturi mitiganti jew aggravanti marbuta mal-proporzjon bejn id-dejn tal-gvern u l-prodott domestiku gross.***

Or. en